StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

Rotta

**IT-TIELET SENA** **IR-RELIĠJON** **Il-ĦIN: Siegħa u nofs**

**L-Isem:** ______________________ **Il-Klassi:** ______________

**Taqsima A** **(10 marki)**

**Imla l-vojt ta' dawn is-sentenzi bil-kliem li ssib fil-kaxxa t'isfel.**

A. Il-**ġurament** huwa ħaġa serja u jista' jittieħed biss f'ħaġa gravi u ġusta.

1. Il-kuxjenza titlob minna li nagħmlu dak kollu li nistgħu biex nagħżlu dak li hu veru u ___________________.
2. ___________________ hu giddieb u missier il-gideb.
3. Fil-leġġenda, San Martin, meta ta l-mantell tiegħu lill-fqir, jurina li għandna ngħinu lill-___________________ tagħna.
4. Ġesù baqa' jħobb sal-aħħar billi ta ħajtu fuq ___________________.
5. Fit-talba tiegħu, ______________________________ jgħallimna biex fejn hemm in-niket naħdmu ħalli nxerrdu l-ferħ.
6. Fejn hemm ħbiberija sinċiera jkun hemm ___________________ sħiħa.
7. ___________________ hu xi ħaġa tajba u mill-isbaħ.
8. L-istinti u l-ġibdiet tagħna l-bnedmin iridu jkunu taħt il-gwida tal-moħħ u tal-qalb li tana ___________________ stess.
9. Aħna fid-dmir li nirrispettaw l-intelliġenza, is-sentimenti u l-___________________ ta' xulxin.
10. L-Induwiżmu u l-___________________ jemmnu li r-ruħ terġa' titwieled mill-ġdid f'xi forma ta' ħlejqa oħra, anke ta' annimal.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| is-salib | is-sess | ~~ġurament~~ | kapaċitajiet | fiduċja | Buddiżmu |
| ix-xitan | San Franġisk | proxxmu | tajjeb | Alla | |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Taqsima B**

**Wieġeb fil-qosor.**

1. X'inhi t-Trasfigurazzjoni?

_______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

2. Kif nista' neżamina lili nnifsi skont it-tagħlim ta' Ġesù?

_______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

3. X'inhu l-okkult?

_______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

4. Kif nuru rispett lejn Alla?

_______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

5. Liema hu l-kmandament il-ġdid tal-imħabba li Ġesù tana fl-Aħħar Ċena?

_______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

6. Agħti eżempju mill-Evanġelju fejn Ġesù laqa' u għen lil min kien meqjus ħażin u mill-agħar.

_______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

7. Bħala Nisrani/ja, kif għandek iġġib ruħek ma' min ma jaqbilx miegħek?

_______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

8. X'nitgħallmu dwar il-ħbiberija mill-istorja ta' David u Ġonatan?

_______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

9. Kif in-Nisrani juri li jgħożż is-sbuħija tas-sess?

_______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

10. X'inhi l-Ġenna?

_______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima C:**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

1. *"Mgħallem, kemm hu sew li aħna hawn! Ħa ntellgħu tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè, u waħda għal Elija."*

   a. Minn liema ġrajja hi meħuda din is-silta? ______________________________ *(marka)*

   b. Semmi Appostlu li kien preżenti f'din il-ġrajja: ________________________ *(marka)*

2. *"Allaħares, Mulej! Ma jkun qatt li dan jgħaddi minn għalik!"*

   Għaliex Pietru qal dan il-kliem?

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________ *(2 marki)*

3. *"Kunu meqjusa u għassu. L-għadu tagħkom ix-xitan qisu ljun jgħajjat, idur u jfittex lil min jibla'. Iqfulu sħaħ fil-fidi."*

   Minn fejn jiġu t-tentazzjonijiet?

   a. ____________________________________________________________ *(marka)*

   b. ____________________________________________________________ *(marka)*

   c. ____________________________________________________________ *(marka)*

4. *"Missier, jekk inti trid, warrab minni dan il-kalċi! Iżda tkun magħmula r-rieda tiegħek."*

   a. Minn liema ġrajja hi meħuda din is-silta? ____________________________ *(marka)*

   b. Semmi Appostlu li kien preżenti f'din il-ġrajja: ________________________ *(marka)*

   c. Fisser x'kien jirrappreżenta l-kalċi f'din is-silta. ________________________

   ______________________________________________________________ *(marka)*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima D** **(1**

**Aqra sew is-silta t'hawn taħt, meħuda mill-Evanġelu skont San Ġwann, u wieġeb il-mistoqsijiet.**



**Ġesù hu t-triq għal għand il-Missier – (Ġwanni 14 :1-14)**

1. "Tħallux qalbkom titħawwad! Emmnu f'Alla, u emmnu fija wkoll.
2. Fid-dar ta' Missieri hemm ħafna postijiet; li ma kienx hekk, kont ngħidilkom. Sejjer inħejjilkom fejn toqogħdu.
3. U meta mmur u nħejjilkom post, nerġa' niġi biex neħodkom miegħi biex, fejn inkun jien, tkunu intom ukoll.
4. U t-triq għall-post fejn sejjer tafuha."
5. Tumas qallu: "Mulej, aħna ma nafux fejn inti sejjer. Kif nistgħu nafu t-triq?"
6. Wieġbu Ġesù: "Jiena hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja. Ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux permezz tiegħi.
7. Kieku għaraftu lili, kontu tagħrfu wkoll lil Missieri. Minn issa 'l quddiem tagħrfuh, anzi diġà rajtuh."
8. Qallu Filippu: "Mulej, urina l-Missier, u jkun biżżejjed għalina."
9. Ġesù wieġeb: "Ili daqshekk magħkom, Filippu, u għadek ma għaraftnix? Min ra lili ra lill-Missier. Kif tgħidli, 'Urina l-Missier'?
10. Ma temminx li jiena fil-Missier u l-Missier fija? Il-kliem li ngħidilkom jien, ma ngħidux minn moħħi iżda l-Missier li jgħammar fija qiegħed jagħmel l-opri tiegħu.
11. Emmnuni! Jiena fil-Missier u l-Missier huwa fija. Jekk mhux għal ħaġ'oħra, emmnuni minħabba dawn l-opri stess.
12. Tassew tassew ngħidilkom, min jemmen fija, hu wkoll għad jagħmel l-opri li qiegħed nagħmel jien, u akbar minnhom għad jagħmel, għax jiena sejjer għand il-Missier.
13. U jekk titolbu xi ħaġa f'ismi jiena nagħmilha, biex il-Missier ikun igglorifikat permezz ta' Ibnu.
14. Iva, jekk titolbuni xi ħaġa f'ismi, jiena nagħmilha."

a. Fl-ewwel vers x'qiegħed jitlob minna Ġesù?

____________________________________________________ *(marka)*

b. F'din is-silta, x'qiegħed jgħidilna Ġesù fuq il-ġenna?

____________________________________________________ *(marka)*

c. Liema hi t-triq li twassalna għand il-Missier?

____________________________________________________ *(marka)*

d. X'relazzjoni hemm bejn Ġesù u l-Missier?

____________________________________________________ *(marka)*

e. X'wiegħed Ġesù lil min jemmen fih?

____________________________________________________ *(marka)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

f. X'jgħidilna Ġesù fuq it-talb? (versi 13 u 14)

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________ (2 ma[rki)]

g. Għaliex Alla għandu jkollu l-ewwel post f'ħajjitna ? Agħti **żewġ** raġunijiet :

i. _______________________________________________________________

ii. _______________________________________________________________

*(2 marki)*

h. X'nista' nagħmel biex nuri lill-oħrajn li jien inħobb lil Alla fuq kollox?

i. _______________________________________________________________

ii. _______________________________________________________________

*(2 marki)*

i. Agħti **żewġ** eżempji ta' kif tista' tagħmel kuraġġ lil sħabek biex jersqu iżjed lejn Alla.

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________ *(2 marki)*



j. Ikteb talba lil Alla l-Missier li fiha tfaħħru għal dak li jagħmel miegħek.

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________ (2 *marki)*

**Taqsima E** **(15-il marka)**

**Wieġeb il-mistoqsijiet billi turi kif inti tista' tgħix bħala Nisrani/ja.**
**L-ewwel waħda hi maħduma bħala eżempju.**

1. "Ishru u itolbu biex ma tidħlux fit-tiġrib" (Mattew 26, 41).
X'nista' nagħmel biex ma naqax għat-tentazzjonijiet li jkolli matul ħajti?

*Biex ma naqax għat-tentazzjonijiet irrid noqgħod attent li nagħżel ħbieb tajba, nitbiegħed mill-vizzji u mill-kumpanija li twassalni għalihom, inżomm kuntatt m'Alla u nimxi fuq l-eżempju ta' Ġesù.*

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com



a. “Kulma tagħmlu ma’ wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, ti
tagħmluh miegħi.” (Mattew 25, 40)
X’nista’ nagħmel tajjeb jien mal-oħrajn daqslikieku qed nagħm
ma’ Ġesù?

*(3 marki)*

b. “Mulej, Inti ħlaqtna għalik u qalbna ma tistrieħx jekk ma tistrieħx fik.”
X’nista’ nagħmel biex insib il-mistrieħ tiegħi f’Alla f’mumenti ta’ diffikultà?

*(3 marki)*

c. “U ħares Alla lejn kulma għamel u ara, kollox kien tajjeb ħafna.” (Ġenesi 1, 31)
X’nista’ nagħmel biex dak li ħalaq Alla jien inkompli nsaħħu?

*(3 marki)*

d. Fit-talba tiegħu, San Franġisk jitlob, “Fejn hemm il-ħtija, ħallini nferrex il-maħfra”.
X’nista’ nagħmel jien, bħala Nisrani/ja biex inkabbar il-maħfra kull fejn inkun?

*(3 marki)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

e. Fit-talba tiegħu, San Franġisk jitlob, "Mulej, agħmilni strument tal-paċi tiegħek." X'nista' nagħmel jien, bħala Nisrani/ja, biex inġib il-kalma u l-ftehim kull fejn inku...

*(3 marki)*

**Taqsima F:** **(30 marka)**

**Agħżel TNEJN minn dawn li ġejjin u wieġeb f'mhux anqas minn 75 kelma FUQ KULL WAĦDA.**

1. Mhux dejjem nista' nagħraf waħdi kemm ħaġa tkun tajba jew ħażina. Allura rrid naħdem biex nifforma kuxjenza tajba. X'għandi nagħmel biex nifforma kuxjenza tajba?

2. Għalkemm Ġesù hu l-Iben t'Alla xorta kellu t-tentazzjonijiet tiegħu meta kien fuq din l-art. Ikteb dwar it-tentazzjonijiet li Ġesù kellu fid-deżert.

3. Bħala wliedu, Alla l-Missier jixtieqna nżommu kuntatt miegħu. Uri kif fil-ħajja tiegħek ta' kuljum iżżomm kuntatt m'Alla.

4. Ma ngħixux weħidna. Qed ngħixu ma' ħafna nies differenti u b'kulturi differenti. Int, bħala Nisrani/ja, x'għandek tagħmel biex turi rispett lill-oħrajn, anke dawk li huma ta' kultura differenti minn tiegħek?

5. "Weġġaħ lil missierek u lil ommok." F'dan il-kmandament, Alla jitlobna biex nagħtu ġieħ lill-ġenituri tagħna jew lil min jieħu ħsiebna. Permezz ta' eżempji, uri kif int tista' tagħmel dan.

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Tmiem il-karta**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers